# Rapport Amministrattiv
# Kunsill Lokali Santa Venera
# għas-sena li għalqet fil-31 ta’ Diċembru 2011

**Introduzzjoni:-**

Jiena nħtart Aġent Segretarju Eżekuttiv għall-Kunsill Lokali Santa Venera b’seħħ mit-19 ta’ Diċembru, 2011.

**Bidu:-**

Malli dħalt f’din il-kariga ħadt ħsieb li nara f’liema fażi kienet waslet il-ħidma tal-Kunsill u jekk il-pjan ta’ ħidma tal-Kunsill kienx qed jiġi mwettaq kif imwiegħed. Jidher lis-Sindku pprova jippreżenta il-Pjan ta’ Ħidma iżda, xi Kunsillieri baqgħu ma ppreżentawx il-Pjan ta’ Ħidma u s-Sindku deher li kien lest li jibqa’ għaddej bil-Pjan ta’ Ħidma tiegħu. Hemm diversi proġetti maħsuba fosthom dak magħruf bħala *Skate Park* fi Triq il-Ferrovija, li minħabba nuqqas ta’ fondi għalissa, tpoġġa fuq l-ixkaffa; tal-proġett ta’ fuq ir-rawndebawt ta’ Santa Venera (Bieb Wignacourt) u fuq il-Proġett tal-PPP, Tisbiħ taż-żewġ Playgrounds - Ġuże’ Flores u Beatu Dun Ġorġ Preca il-Ġonna ta’ ma’ Casa Leoni - inkluż Romeo Romano.

Il-Kunsill ukoll kien qiegħed (u għadu) jaħseb sabiex isib post aktar adattat bħala post għall-amministazzjoni tal-Kunsill sabiex ikun aktar aċċessibbli.

Inżammu l-intervisti għas-Segretarju Eżekuttiv u minħabba diffikultajiet ta’ xi laqgħa partikulari baqgħu mdendlin. Fid-19 ta’ Diċembru nħatret Aġent Segretarju Eżekuttiv ġdida - Louise-Anne Gusman. Kien hemm ukoll riżenja ta’ Skrivana Skala 13---Maria Aquilina fil-21 ta’ Diċembru 2011. Fil-fatt, l-Aġent Segretarju lanqas ingħatat *handover* mingħand l-Eks Aġent Segretarju - Joseph M Formosa u lanqas ma laħqet l-iskrivana li rriżenjat. L-Iskrivan l-ieħor - Carmel Busuttil weġġa’ fuq il-post tax-xogħol fis-26 ta’ Diċembru 2011 u ħareg b’*injury leave* minhabba ksur f’idu.

Mal-ħatra tas-Sindku l-ġdid is-Sur Horace J. Anastasi, l-finanzi tal-Kunsill bdew jitjiebu peress li ħa ħsieb li jnaqqas mill-ispejjeż li kien hemm żejda u fil-fatt, l-*performance indicator* tal-2011 iinbidel sew u tela’ għal 33.64 %. Beda jsir skruttinju tal-kontijiet/*invoices* li jirċievi l-Kunsill u kull *invoice* għandu immarkat bħala *‘checked*’, *‘approved’* u *‘settled’*.

Sar xogħol fuq xi bankini u fit-toroq, bħal żebgħa għal-linji gwida ta’ karozzi, muturi, *RESERVED*, *Loading/Unloading*, mili ta’ ħofor, inxtraw *irrigation pipes* għal mal-Ġonna kollha li jmissu ma’ Casa Leoni—inkluż Romeo Romano, nxtrat xi għodda għall-istess Ġonna, inxtraw il-fjuri, applikaw għal tisbiħ tal-*playgrounds*, sar tisbiħ fil-latrina miż-żewġ ħaddiema tal-*IPSL* u ieħor misluf mill-MRRA.

Id-diffikultajiet ma naqsux iżda l-ħidma kompliet. Il-Kunsill għamel dak kollu li seta’ sabiex ilaħħaq u jissodisfa l-ilmenti tal-pubbliku. L-Ilmenti tal-pubbliku kienu jinkludu *refreshing* ta’ żebgħa għall-ipparkjar, ipparkjar riservat, eċċ; bozoz maqtugħin kemm dawk responsabbli minnhom il-Kunsill kif ukoll, dawk responsabbli minnhom l-Enemalta,

ħofor fit-toroq residenzjali u oħrajn, ipparkjar ta' ħaddiema li jipparkjaw f'postijiet residenzjali, wajers imdendlin, bankini kollha ħofor\ħżiena, eċċ.

Saru diversi laqgħat dwar il-proġett ta' Wignacourt fejn il-Bank of Valletta wiegħed li joħroġ ħamsin elf lira Maltija (Lm50,000.00) kif kien miftiehem mal-MEPA meta nbena ċ-Ċentru tal-Bank ġewwa Santa Venera.

Il-proġett ta' ħames toroq taħt il-Public Private Partnership huwa proġett ta' fejda għal Santa Venera u l-Kunsill ħadem bi sħiħ dwar dan. Għalkemm dan il-proġett jorbot il-finanzi tal-Kunsill fit-tul jidher lir-riżorsi finanzjarji tal-Kunsill, jekk ikkontrollati sewwa ilaħqu għalkemm jidher li jista' ikun hemm limitazzjoni fi proġetti oħra tal-Kunsill.

Kawża li nqalgħet hija dik dwar konsum kbir tal-ilma fil-latrina pubblika li anke wassal sabiex tingħalaq il-latrina pubblika għal żmien indefinit sakemm tintemm l-inkjesta tal-pulizija iżda, peress li dehret li kienet se titwal is-Sindku ra li fil-frattemp isir tisbiħ tal-istess latrina u fetaħha fl-24 ta' Lulju, 2011. Issa qegħdin nistennew li l-ARMS Ltd jibgħatulna l-aħħar kont mingħajr l-interessi sabiex naqbdu u nħallsuh.

Inżabbru s-siġar ta' Triq Il-Kbira San Ġużepp.

Bħala Kunsill Lokali Santa Venera saru diversi laqgħat uħud minnhom issejħu b'urġenza. Nhar 22 ta' Dicembru, issejhet laqgħa tal-Kunsill fejn il-minuti kellhom jittieħdu mil-Aġent Segretarju Eżekuttiv il-ġdida bl-għajnuna tal-eks Aġent Segretarju. Kif is-Sur J. M. Formosa sar jaf li mhux se jmexxi hu iżda, biex jgħin biss, telaq 'il barra. Hawnhekk il-Kunsill kellu jikkonferma l-aħħar seba' minuti ta' laqgħat li nżammu bejn Settembru u Diċembru 2011. Wieħed mill-Kunsillieri oġġezzjona li l-minuti ma kienux qed jirriflettu l-attendenza kif suppost u anka li ċerti Kunsillieri ġew ikwotati li tkellmu meta fil-fatt dawn l-anqas biss kienu preżenti. Fil-fatt il-Kunsill għandu dawn il-minuti ta' dawn is-seba' laqgħat pendenti minħabba li l-eks Aġent Segretarju J. M. Formosa ħa r-*Recordings* u ma ġabhomx lura. Fil-fatt, il-każ jinsab f'idejn il-Pulizija.

Il-Ħadd, 24 ta' Lulju, 2011, inżammet l-attivita' tat-Tberik tal-Annimali.

Il-Erbgħa, 27 ta' Lulju, 2011, inżamm riċeviment tal-Festa ta' Santa Venera mill-Kunsill Lokali ta' Santa Venera fi Ġnien Romeo Romano.

Il-Ġimgħa, 2 ta' Diċembru, 2011, inżamm Jum Ġieħ Santa Venera 2011 fejn il-Ġieħ ingħata lis-Sinjura Angela Hili u wara inżamm riċeviment fis-Sala ta' Dar San Ġużepp.

**Konklużjoni:-**

Il-financial statements għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2011 jifformaw parti minn dan ir-rapport amministrattiv.

Jidher li jekk ikun hemm aktar ħidma ko-ordinata fejn kulħadd ikun konxju tal-ħidma u r-responsabbilita' kemm rispettiva kif ukoll kollettiva jinħoloq aktar *teamwork* kemm qalb il-Kunsillieri kif ukoll ikun hemm aktar kordinament tax-xogħol bejn il-Kunsill u l-amministrazzjoni.

Nixtieq nirrakkomanda li jkollna mill-inqas ħaddiem ieħor klerikali sabiex inkunu nistgħu inlaħqu mal-ammont ta' xogħol amministrattiv li dejjem qiegħed jizdied u biex inkunu nistgħu nirrangaw l-filing system eżistenti peress li l-Ex Aġent Segretarju Eżekuttiv ħalla ħafna dokumenti importanti mhux f'posthom. U sabiex inkunu nistghu nippreparaw dokumenti ghal-progetti godda u biex napplikaw ghall-fondi mill-Unjoni Ewropeja.

Finalment nixtieq nirringrazzja lill-ħaddiema tal-Kunsill kemm klerikali kif ukoll manwali, lis-Sindku u l-Kunsillieri kollha, lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, lill-accountant u lil Kuntratturi kollha li jahdmu mal-Kunsill u lil dawk kollha li jgħinu fl-amministrazzjoni tal-Kunsill sabiex jaħdmu b'risq ir-residenti kollha ta' Santa Venera.

| | |
|---|---|
| Horace J Anastasi | Louise-Anne Gusman |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Kunsill Lokali Santa Venera
(31/12/2011)